# Mis-Santwarju fl-istampa tul iż-żmien

**Robert Cassar**

*M.A. History of Art; B.Cons.(Hons.); B.A.(Hons.)*

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta għandu storja ta' 'l fuq minn erba' sekli, bl-akbar ġrajjiet li baqgħu jissemmew kienu dawk tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tas-Santwarju kif ukoll l-għoti tal-Bażilika lil din il-knisja. Dawn il-ġrajjiet baqgħu mniżżlin fl-istorja għall-memorja tagħna u ta' dawk li ser jiġu warajna permezz ta' mezzi diversi. Fost dawn insibu lapidi kommemorattivi, il-kwadru inkurunat innifsu, is-simboli tal-Bażilika li naraw fis-Santwarju, kif ukoll dawk il-ħafna publikazzjonijiet li ħarġu u li għadhom joħorġu sal-lum sabiex jinfurmaw kif ukoll jibqgħu mezz ta' referenza għall-futur. Uħud minn dawn il-pubblikazjonijiet, forsi ma sarux bl-intenzjoni li jservu fil-futur, imma kellhom aktar skop didattiku u ta' gwida għall-festi li kienu qed jfakkru lil qarrejja tagħhom għal dak il-mument. Dawn il-pubblikazjonijiet kienu jiġu stampati f'numri żgħar u għalhekk wara li tgħaddi dik il-ġrajja kommemorattiva, dawn il-kotba ċkejkna kienu ħafna drabi jintremew jew jintilfu ma' oġġetti oħrajn maż-żmien. Huwa għalhekk li dawn il-pubblikazjonijiet li joħorġu minn diversi knejjes, fosthom minn dan is-Santwarju Karmelitan, saru pjuttost rari u ħafna drabi wkoll, oġġett ta' kollezzjoni, kemm minħabba n-natura ta' dawn il-kotba, kif ukoll minħabba l-kontenut bil-kitbiet u xi drabi ritratti li jkun fihom.

F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn xi pubblikazzjonijiet li ħarġu minn ħdan is-Santwarju tul l-aħħar seklu u nofs li għadda. Fost l-eqdem insibu ktejjeb li jittratta b'deskrizzjoni dettaljata, il-festi li saru fl-inkurunazjoni tal-kwadru. Għalkemm ma fihx illustrazzjonijiet, id-dettal li fih, kemm fuq is-santwarju, kif ukoll fuq il-kwadru u l-ikonografija tiegħu flimkien mal-festi solenni li saru, huma biżżejjed sabiex jeħduk lura fiż-żmien għal dik is-sena memorabli biex kważi ngħixuha aħna wkoll. Il-ktieb bit-Taljan li nkiteb mill-Patri Lettur Anastasio M. Ronci O.Carm jġib l-isem ta' *Brevi Cenni sul Santuario e sull'Augusta Icone della Prodigiosa Vergine sotto il Titolo del Carmelo Venerata nella Città Valletta e Ricordi Storici Intorno alla Solenne Incoronazione di Lei Avvenuta il di' 15 Luglio 1881*. Dan kien stampat fit-Tipografia ta' C. Busuttil, 133, Strada Forni fl-1883.


BREVI CENNI
SUL SANTUARIO E SULL'AUGUSTA ICONE
DELLA PRODIGIOSA VERGINE
SOTTO IL TITOLO DEL CARMELO
VENERATA NELLA CITTA' VALLETTA
E RICORDI STORICI
INTORNO ALLA SOLENNE
INCORONAZIONE DI LEI
AVVENUTA IL DI' 15 LUGLIO 1881
DESCRITTI DAL
P. LETT. ANASTASIO M. RONCI
CARMELITANO.

MALTA
Tipografia di C. Busuttil, 133, Str. Forni.
1883.

Fl-1951, Patri Lorenzo M. Sammut O.Carm kiteb ktieb storiku dwar is-Santwarju u l-mumenti glorjużi tiegħu fl-istorja flimkien ma' devozzjonijiet oħra lejn il-Madonna tal-Karmnu f'Malta mħaddna mill-istess Patrijiet Karmelitani. Dan il-ktejjeb bit-Taljan, kien stampat fil-Lux Press u jġib it-titlu, *Breve Storia della devozione di Maria S.S. del Carmine nell'Isola di Malta*. Dan il-ktieb huwa riċerkat u







fih diversi ritratti tas-Santwarju l-antik minn ġewwa kif ukoll l-istatwi proċessjonali tal-Madonna tal-Karmnu li nsibu f'kunventi oħra Karmelitani.

Propju fis-sena ta' wara, Patri Sammut ħareġ ktieb ieħor dwar is-Santwarju, din id-darba bil-Malti. Dan il-ktieb bit-titlu, *Is-Santwarju tal-Karmnu*, jiġbor fih riċerka ta' snin miġbura mill-arkivji tal-Kunvent tal-Belt u jiġbor kull aspett artistiku u storiku tal-Kunvent bil-knisja tiegħu fil-Belt. Dan il-ktieb li għad għandu valur għar-riċerkatur sal-ġurnata tal-lum, fih diversi ritratti, għalkemm il-kwalità tal-istampa ma hiex daqstant tajba. Minbarra li juża ritratti tas-santwarju l-antik minn ġewwa, insibu wkoll ritratti oħra tal-kuruni ta' inkurunazjoni kif ukoll il-mudell tat-taraġ li bih saret dik iċ-ċerimonja.

Għall-festi solenni li saru fiċ-ċentinarju tal-għoti tal-Iskapular, kien pubblikat programm ta' tifkira b'dan l-isem stampat fuq il-faċċata tiegħu; *1251 - 1951 Solemn Celebrations of the VII Centinary of the Scapular of Our Lady of Mount Carmel Valletta, 16th July*. Dan sar l-Empire Press, u għalkemm il-qoxra ta' barra hija miktuba bl-Ingliż, il-kontenut huwa kollu bil-Malti. Interessanti f'din il-pubblikazzjoni li minbarra l-programm tal-attivitajiet fil-paġni tan-nofs, insibu diversi artikli u poeżiji ta' awturi diversi li jkomplu jżewqu dan il-ktejjeb ta' tifkira. Għalkemm huwa bla kulur, wieħed jitpaxxa jifli ukoll il-ħafna reklami ta' ħwienet u prodotti li kienu jinbiegħu l-Belt, wħud minnhom ilhom li għosfru, u oħrajn bidlu s-sura tagħhom għal kollox.













Fl-1970, f'għeluq l-erba' mitt sena minn mindu bdiet il-ħidma tal-Karmelitani fil-Belt, Patri Romeo Grech O.Carm, nieda pubblikazzjoni ċkejkna bl-isem, *Il-Bażilika Santwarju tal-Karmnu fir-Raba' Mitt Sena tat-Twaqqif Tagħha 1570-1970*. Din saret għand Giov. Muscat & Co. Ltd il-Belt. Grech jitfa' dawl ċar kif il-patrijiet Karmelitani kienu l-ewwel element reliġjuż fil-belt il-ġdida, qabel il-ħafna komunitajiet li ġew wara. Kien fl-ewwel knisja tagħhom, dedikata lil Marija Annunzjata li bdew isiru l-magħmudijiet tal-ewwel abitanti u fejn għal diversi snin sakemm inbniet il-knisja parrokkjali ta' San Pawl, kienu ospitati l-ewwel kappillani delegati mill-Katidral tal-Imdina. B'din l-istudju riċerkat, Grech jagħti ġieħ lill-Patrijiet Karmelitani li bit-tħabrik u l-entużjażmu tagħhom fetħu kunvent u knisja, f'belt prattikament għadha qed tinbena fl-1570.

Fl-1981, f'għeluq l-ewwel ċentinarju mill-Inkurunazjoni tal-kwadru, sar programm ta' tifkira bit-titlu, *L-Ewwel Ċentinarju tal-Inkurunazzjoni tax-Xbieha Għażiża tal-Madonna tal-Karmnu Valletta, 15 ta' Lulju 1881 – 1981*. Il-qoxra, bi stampa bil-kulur tal-kwadru inkurunat ġiet mitbuqa minn Penprint. Għall-festa ta' dik is-sena, kien stampat il-programm tal-festa li għadu jiġi pubblikat kull sena, kien stampat il-Veritas Press. Fil-qoxra nsibu ritratt tal-istatwa proċessjonali tal-Madonna bit-titlu li jgħid: *Programm ta' Għeluq il-Mitt Sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta 1 - 19 ta' Lulju, 1981*. Fuq wara nsibu ritratt tas-Santwarju l-ġdid minn ġewwa għeri mill-irħam u l-iskultura li naraw illum. Fuq ġewwa, minbarra l-programm, u xi artikoletti















oħrajn, insibu żewġ ritratti kommemorattivi, wieħed tat-tqiegħid tal-ewwel ġebla, fit-30 ta' April 1958, u ieħor tat-tberik tas-Santwarju meta tlesta mill-bini fil-15 ta' Ġunju 1981.

B'din it-titwila fuq dawn il-ftit publikazzjonijiet li ħarġu minn ħdan is-Santwarju devot u għażiż fil-Belt, resquna wkoll lejn xi mumenti tal-istorja glorjuża tiegħu kif ukoll tal-patrijiet li għamru bejn il-ħitan ta' dawn il-kunvent u l-knisja tagħhom u minn fejn għal aktar minn erba' mitt sena sħaħ qdew u għadhom jwettqu l-missjoni tagħhom mal-Beltin u dawk kollha li jiġu fil-Belt.